# Il-Fuklar

Achille Mizzi

Kemm ifuħ il-fuklar
b'dak il-ħatab tal-arżnu
iħeġġeġ u jfewwaħ inċens,
u kemm xegħlu ħaddejna
lixxi bil-ħmura ta' żgħożitna
meta bir-riħ fil-qala'
salpajna
fuq sufan tal-bambù
lejn baħar li jfur
bil-kaskati tal-qamar!

U kemm lebilbu oranġjo
l-ilsna tan-nar fil-fuklar:
u kif kebbsuna minn ġewwa
bħal fjammi
ġo vażun tal-porfirju.
U fuq il-ħitan
kemm żifnu madwarna dellijietna
bħal xjafek animati...
bħal allat
li jitgħannqu u jinħabbu
fuq l-oqsma jħaddru
fejn ebda għollieq
ma jaħqar riġlejna...
fejn ebda maħluq
ma jitbiel u jixjieħ ...
ma jeħtieġlu jinża'
mill-imgħoddi.

U xegħlu ħaddejna lixxi bil-ħmura
ta' żgħożitna,
u qatt m'għaddielna minn rasna
li xi darba
għad immutu.